MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 289/2009

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-kontendenti zzewgu [fit-2 ta' Dicembru 2008]; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null u bla effetti fil-ligi; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara dan iz-zwieg null, u l-konsegwenzjali registrazzjoni tas-sentenza; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenuta permezz ta' nota guramentata ddikjarat li tammetti it-talbiet kif dedotti;[1]

---

[1] Fol.12

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta' Dicembru 2008 huwa null u bla effett fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-artikolu tal-ligi fuq citat.

**Il-Fatti**

Illi jirrizulta sodisfacentement provat li fit-2 ta' Dicembru 2008, l-attur, cittadin Malti ta' 39 sena, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Russa ta' 35 sena, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Wara ftit xhur ta' konvivenza matrimonjali l-partijiet isseparaw minhabba kwistjonijiet relatati ma' tfal u mar-religjon. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attur*

Illi l-attur jghid li huwa kien attratt hafna lejn il-konvenuta li minn naha taghha kienet tgawdi l-istess still ta' hajja li kien jghix hu. Jghid: *"We enjoyed partying, and our relationship was very party-orientated ….. It was a relationship based on fun and mutual love partying."*[2]

Jispjega li meta huma zzewgu huwa sar jaf li l-konvenuta kienet thaddan ir-religjon Muzulman, u li dan il-fatt kien dejqu hafna, partikolarment lil ommu. Jghid li l-fatt li martu kienet muzulmana *"caused great conflict, and led to a lot of undercurrents and tension, so much so that I was afraid to be intimate with her because I knew that if we were to have a child, I would want to raise the child as I was raised."*[3] Jghid li, inoltre, huwa ma kienx preparat li jibqa' jghix mal-konvenuta u kien ikun riluttanti li jaghmel l-

[2] Fol.18
[3] Fol.18

att taz-zwieg maghha. Jghid li d-decizjoni tieghu li jizzewweg lill-konvenuta kienet rizultat ta' *"lust and convenience"* u kienet rizultat ta' nuqqas ta' hsieb da parti tieghu.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta taqbel ma' l-attur li r-relazzjoni taghhom kienet wahda frivola; *"it was based more on physical attraction …. I had never given much thought to marriage before because I never really wanted children. My main preoccupation with childbirth was that it would ruin my body, and also interfere with my career"* kunsidrat il-fatt li l-konvenuta *"always worked in the modelling and recreational industry, and that is quite a competitive and tough industry."*[4]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Il-komportament tal-partijiet ezattament wara z-zwieg, u l-leggerezza li biha id-decizjoni li jizzewgu ttiehdet minnhom, juru difett serju ta' discrezzjoni ta' gudizzju da parti taghhom dwar l-import tal-hajja konjugali bhala unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-*benessere* reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied; bir-rizultat li l-partijiet kienu nkapaci li jibnu bejniethom komunjoni ta' hajja u mhabba.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Dicembru 2008 huwa null u bla effett fil-ligi.

Spejjez bla taxxa.

---

[4] Fol.17

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------